

# Aħbar Tajba

Ġer 20, 10-13
Salm 68 (69), 8-10.14.17.33-35
Rum 5, 12-15
Mt 10, 26-33

"Żewġ għasafar tal-bejt mhux b'ħabba jinbiegħu? U b'danakollu anqas **wieħed minnhom ma jaqa' fl-art mingħajr ir-rieda ta' missierkom."**

Naħseb nistgħu ngħidu li kulħadd għandu delizzju. X'taħsbu? Hawn min iħobb jipprattika xi sport, oħrajn jilagħbu fuq il-kompjuter jew xi console, hemm min iħobb jaqra, waqt li oħrajn jieħdu ħsieb xi tip ta' kollezzjoni – forsi mudelli tal-karozzi jew tal-ajruplani. Issib min id-delizzju tiegħu hu jieħu r-ritratti, inkella jagħmel mixjiet fil-kampanja jew saħansitra oħrajn jieħdu ħsieb xi tip ta' annimali. Kultant tisma' lil min jgħid li d-delizzju tiegħu hu li jmur jistad jew josserva l-għasafar. Delizzji ssib ħafna differenti għax madwarna nsibu tant nies differenti.

Imma taħsbu li Alla għandu xi delizzju? Fil-Bibbja ma nsibu mkien imsemmi li Alla għandu xi delizzju partikulari. Imma kieku kellek timmaġina x'delizzju jkollu Alla, x'taħseb li jkun? Kultant naħseb li Alla jħobb josserva l-għasafar. Tista' timmaġinah lil Alla mis-sema, bil-binokulari jħares l-isfel ifittex l-għasafar differenti li hawn fid-dinja? Jien ikolli ngħid li l-għasafar jaffaxxinawni. Dawk il-kuluri u l-għanjiet tant sbieħ li wħud minnhom jagħmlu kultant iħalluni bla kliem. Meta nkun qiegħed fil-kampanja kultant nara għasafar li anqas qatt ma nkun rajt bħalhom, u hekk kif nasal id-dar nipprova nfittixhom fuq xi ktieb jew inkella fuq l-internet. Imma Alla, żgur ma jkollux bżonn kotba biex jagħraf l-għasafar – dawk hu ħalaqhom, jafhom b'isimhom wieħed wieħed.

Jekk Alla jħobbx joqgħod josserva l-għasafar ma nafux, imma żgur li Alla jħobb, u mhux biss l-għasafar. Fl-Evanġelju tal-lum Ġesù jħeġġiġna biex ma nħallux l-inkwiet tagħna jaqtgħalna qalbna għax għandna lil Alla li qed jieħu ħsiebna. Ġesù jħeġġiġna biex ma nibżgħux minn dawk li jippruvaw itellfuna jew inkella minn dawk li jaqilgħu gideb fuqna. Fuq kollox iħeġġiġna biex ma nibżgħux ngħidu l-verità kull fejn inkunu, anke jekk ikun hemm min ma tantx jieħu gost b'dak li ngħidu. M'għandniex għax ninkwetaw, għax Alla jkun magħna. Biex jagħmlilna kuraġġ Ġesù jgħidilna li anqas għasfur, li f'għajnejna jidher komuni, ma jitilqu Alla, aħseb u ara lilna. Ġesù stess jgħidilna: "Mela xejn la tibżgħu; Intom ħafna aqwa minn ħafna għasafar tal-bejt." Mela ejjew nagħmlu kuraġġ u nkomplu mexjin wara Ġesù anke meta tibda ssir ħaġa diffiċli li tkun Nisrani tajjeb. Għax jekk għandna lil Alla magħna, min jista' jkun kontra tagħna?

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

TIBŻGĦUX, MOĦBI, MAGĦRUF, NGĦIDILKOM, XANDRUH, GĦASAFAR, MISSIERI, NISTQARR, SMEWWIET

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| X | A | N | I | S | T | Q | A | R | R |
| A | D | R | U | M | R | A | Ħ | A | S |
| N | GĦ | I | D | I | L | K | O | M | M |
| D | A | B | E | S | G | Ħ | M | A | E |
| R | S | T | L | S | A | M | O | L | W |
| U | A | U | B | IE | L | I | Ħ | I | W |
| H | F | T | E | R | L | S | B | R | IE |
| A | A | I | B | I | A | S | I | IE | T |
| P | R | B | B | T | R | I | B | E | C |
| A | GĦ | Ż | GĦ | A | S | A | F | A | R |
| M | A | GĦ | R | U | F | U | S | T | A |
| W | E | U | X | N | I | S | T | I | N |
| Z | N | X | N | E | N | Z | A | J | A |



"Żewġ għasafar tal-bejt mhux b'ħabba jinbiegħu?
U b'danakollu anqas wieħed minnhom ma jaqa' fl-art
**mingħajr ir-rieda ta' missierkom."**



**Minn kliem il-Papa Franġisku**

"Flimkien mal-kultura tax-xogħol, irid ikun hemm kultura ta' mistrieħ. Fi kliem ieħor: in-nies li jaħdmu jrid ikollhom żmien ta' mistrieħ, biex ikunu mal-familji tagħhom, biex igawdu, jaqraw, jisimgħu l-mużika, jilagħbu xi sport."

Qed tfittex li ssib bilanċ bejn ix-xogħol li trid tagħmel u l-mistrieħ? Jew kultant tegħreq fix-xogħol u mbagħad jiġu jiem tintilef fil-għażż? Agħraf l-importanza tal-bilanċ fil-ħajja.

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola



mediacentre

design • video production • animation • publishing • web





**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.